MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2011

Numru 666/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jeffrey Cilia)**
**vs**
**Luca Bertetto**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Luca Bertetto** ta’ 26 sena, bin Bruna u Rosalia *nee’* Accomando, imwieled Torino nhar is-6 ta’ Gunju, 1984 u residenti 10 Via Genova Orbasano u detentur tal-karta tal-identita’ Taljana numru AO 0062044;

Talli nhar id-19 u t-23 ta’ Mejju 2011 f’Malta ghamel falsifikazzjoni ta’ skrittura privata li tkun tista’ taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli ghad-detriment tal-kumpanija Vitruvius Ltd u/jew Joseph Cassar u dan bi ksur tal-artikolu 187 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli nhar it-23 ta' Mejju 2011 u matul il-granet ta' qabel din id-data f'Malta b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi graja kimerika, ghamel qligh bi hsara ta' haddiehor ghad-detriment tal-kumpanija Vitruvius Ltd u/jew Joseph Cassar u dan bi ksur ta' l-artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bi hsara ta# haddiehor, ghamel qligh b'qerq ghad-detriment ta' kumpanija Vitrivius Ltd. u/jew Joseph Cassar u dan bi ksur ta' l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-ewwel dehra tal-kawza;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Stante ammissjoni, l-akkuzi jirriuzltaw pruvati;

Rat l-artikoli 187, 308 u 309 tal-Kap 9;

Wara li hadet kont tal-fatt illi l-imputat gia irritorna parti mill-flus minnu mehuda indebitament;

Tikkundannah ghal terminu ta' priguerija ta' sena (1) mil-lum liema terminu ma jiddekorrix hlief jekk l-imputat jikkometti rejat iehor punibbli bil-prigunerija sa zmien sentejn (2) mil-lum skond l-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll ai termini tal-artikolu 28H tal-istess Kapitolu tobbligah jirrifondi s-somma ta' Euro 7,500.00 fi zmien xahar (1) mil-lum.

Il-Qorti spjegat l-obbligi lill-imputat naxxenti minn din is-sentenza u accertat ruhha li tramite l-interpretu nominat mill-Qorti, l-imputat fehem l-istess.

Stante li l-prosekuzzjoni ma kellhiex il-kunsens tal-avukat generali sabiex din il-kawza tinstemgha u tkun deciza bil-procedura sommarja, tordna li dawn l-atti jintbaghtu lill-istess avukat generali fi zmien li trid il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------